BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 02/11 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 15 ta' Marzu 2011 fis-6.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużati** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 01/11 u tal-Laqgha b'urgenza li saret nhar is-26 ta' Jannar 2011 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u S.Cuschieri ssekondat mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/03 -* Għal darba oħra reġgħet tressqet talba mingħand MJS Holdings sabiex joperaw *bumping cars* fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni bejn l-1 ta' Ġunju u l-15 ta' Settembru 2011. Il-Kamra wara diskussjoni aċċettat din it-talba.

*02/03 -* Tressaq suġġeriment sabiex jitwaħħlu *bins* fejn jintrema l-ħmieġ tal-klieb. Il-Kamra qablet ma' dan is-suġġeriment u qablet li tinħareġ kwotazzjoni għal dawn il-*bins*.

*03/03 -* Resident mil-lokal talab li fi Triq ir-Raddiena jsiru s-*sleeping policeman*. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq il-*policy* li dejjem uża għal talbiet simili, dik li jridu jinġiebu l-firem tat-triq kollha li jidħlu responsabbli għall-ispejjeż jekk ikunu jridu jneħħu dawn is-*sleeping policeman*. Il-Kamra unanimament qablet li timxi skont din il-*policy*.

*04/03 -* Il-Kunsill Lokali ġie mistieden mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jieħu sehem f'wieħed minn sensiela ta' 13-il programm li ser jibdew jixxandru fuq TVM u Education 22 bejn April u Ġunju 2011 għal prezz ta' €951. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li ma tieħux sehem f'dawn il-programmi.

*05/03 -* Il-Malta Fishing Forum għal darba oħra ser torganizza kompetizzjoni tas-sajd bil-qligħ imur għal Puttinu Cares Foundation. Din is-sena jixtiequ li jorganizzaw din il-kompetizzjoni f'Birżebbuġa u għaldaqstant qed iressqu l-proposti tagħhom quddiem il-Kamra. Wara li l-Kamra evalwat din il-proposta faħħret din l-inizjattiva u aċċettat li din l-attivita' issir ġewwa Birżebbuġa nhar is-26 ta' Ġunju 2011.

*06/03 -* Studenti universitarji qed joffru l-Kunsill sabiex jaħdmu fuq proġett għal kors 'Walking' fil-lokalita' ta' Birżebbuġa. Il-Kamra aċċettat li jsir dan il-proġett fil-lokalita' tagħna u għaldaqstant talbet li tiltaqa' ma' dawn l-istudenti sabiex jiddiskutu fuq is-siti li ser jaħdmu fuqhom.

*07/03 -* Waqt il-laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar li nżammet nhar il-Ħamis 17 ta' Frar 2011, ir-Reġjun approva unanimament proposta sabiex ir-Reġjun ikollu s-servizz ta' konsulent legali għas-somma ta' €1750 fis-sena li tiġi diviża bejn l-14 -il Kunsill li jiffurmaw ir-Reġjun. Il-Kamra qablet ma' din il-proposta u unanimament approvat l-ispiża ta' €125.

*08/03 -* Tressqet talba minn żewġ residenti sabiex tiġi mgħollija l-bankina quddiem il-garaxx tagħhom. Wara diskussjoni l-Kamra ma laqgħetx din it-talba.

*09/03 -* Grupp ta' periti preżentement qiegħed jaħdem fuq programm televiżiv li jinvolvi proġetti ġol-lokalitajiet. Għaldaqstant qiegħed jistieden lill-Kunsill Lokali sabiex jibgħat suġġeriment ta' sit fil-lokal li jistgħu jaħdmu fuqu. Il-Kamra wriet ix-xewqa li jkollha aktar informazzjoni fuq dan is-suġġett u għaldaqstant ser issir laqgħa ma' dawn il-periti.

*10/03 -* Tressqet quddiem il-Kamra applikazzjoni tal-MEPA PA 02183/10 – Tqegħid temporanju ta' struttura biex isservi ta' *store* għal *Pedal Boats* u *Canoes* mill-1 ta' Ġunju sat-2 ta' Settembru fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kamra evalwat din l-applikazzjoni u unanimament qablet li toġġezzjona għal din l-applikazzjoni minħabba li l-istruttura ser tokkupa parti mill-Bajja, li fix-xhur sajfin tiġi ffrekwentata minn ħafna nies, kif ukoll li ser tkun *eyesore*.

***<u>AĠENDA -3</u>***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-kwotazzjoni u l-offerta pubblika.

*Offerta Nru. 01/11 – Resurfacing of roads and streets with hot asphalt*

| | | |
|---|---|---|
| Kuntrattur Nru. 1 - | Schembri Infrastructure | €96297.00 |
| Kuntrattur Nru. 2 - | Polidano Bros. Ltd. | €86846.63 |
| Kuntrattur Nru. 3 - | J&C Zam Co. Ltd. | €75609.65 |
| Kuntrattur Nru. 4 - | Alfred Schembri & Sons. Ltd. | €72357.17 |

Wara evalwazzjoni l-Kamra qablet li tagħżel Kuntrattur Nru. 4 – Alfred Schembri & Sons. Ltd. peress li kien l-orħos wieħed u dejjem għamel xogħol tajjeb għal Kunsill.

*Kwotazzjoni Nru. 01/11 –* Trasport għall-anzjani

| | | |
|---|---|---|
| Kuntrattur Nru. 1 - | Transport for Disabled Persons | €40 kuljum |
| Kuntrattur Nru. 2 - | Swallow Ltd. | €28 kuljum |
| Kuntrattur Nru. 3 - | Saviour Abela | €30 kuljum |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel Kuntrattur Nru. 2 – Swallow Ltd. peress li kien l-orħos wieħed.

***<u>AĠENDA -4</u>***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra l-*Financial Statements* għas-sena 2010. Dawn ġew approvati mill-Kamra.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Frar 2011. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €49,179.93 titħallas skont Skeda Nru. 02/11.

***AĠENDA -6***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :

   - l-iskema li għaliha applika l-Kunsill 'Riġenerazzjoni tal-Binjiet tal-Gvern' ġiet aċċettata.
   - l-iskema li għaliha applika l-Kunsill 'Enerġija Nadifa' ġiet aċċettata.
   - l-Kunsill irċieva konferma li ġiet aċċettata l-applikazzjoni EAFRD Measure 313.

2. R.Zahra irringrazzja l-Kamra għas-sogħba li wrew mal-familja Zahra fil-mewt ta' missieru. Ukoll ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li hemm bżonn qtugħ ta' ħaxix fi Triq Herakles, Triq il-Fossili u Triq il-Merżuq. Hemm bżonn ukoll li tinżabar il-yucca li hemm f'Misraħ tal-Pajtier. Ġibed l-attenzjoni wkoll li hemm bżonn jitwaħħlu *bollards* f'Misraħ il-Knisja (quddiem il-ħanut tal-*insurance*).

3. B.Pace staqsiet lill-Kamra għaliex il-bankijiet ta' Misraħ tal-Pajtier inżebgħu bojod. Is-Sindku nforma l-Kamra li nżebgħu bojod fuq talba tan-nies. Ukoll ressqet talba quddiem il-Kunsill sabiex nieħdu sehem f'Festa Ġemellaġġi skont Memo 37/2010. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tieħu sehem f'din il-Konferenza pero' jekk jixtiequ jipparteċipaw rappreżentanti minn Porto San Giorgio dawn għandhom iħallsu l-passaġġ huma. Il-Kunsill iħallas biss għall-akkomodazzjoni li l-ispejjeż tagħhom ser jiġu rifużi mid-Dipartiment.

4. Is-Sindku nforma l-Kamra li mal-applikazzjoni tal-U.I.F, ta' Triq Żarenu Dalli ser napplikaw għal lampi ornamentali mad-dawra taz-zuntier tal-Knisja. R.Zahra u J.Baldacchino issuġġerixxew li fuq iz-zuntier għandhom isiru *pots* kbar dekorattivi tal-konkos bil-pjanti. Il-Kamra qablet ma' dawn is-suġġerimenti.

5. T.Roberts ressaq talba ta' resident sabiex ikun jista' jħalli l-lanċa tiegħu fi Triq il-Port Ħieles peress li t-triq hi mħarbta u ma jistax idaħħalha l-garaxx. Wara diskussjoni l-Kamra unanimament ma aċċettatx din it-talba. Jiddispjaċiha lir-resident għandu din l-inkonvenjenza pero' din it-triq taqa' taħt il-Gvern Ċentrali għaliex hija *macadam* u ma tistax tiġi rranġata mill-Kunsill.

6. T.Roberts ressaq proposta quddiem il-Kamra sabiex ħdejn il-mużew tas-subien il-ġdid (parti minn Triq il-Bżulija) issir *one way*.

7. Is-Sindku nforma l-Kamra li hu flimkien ma' T.Roberts u R.Zahra kellhom laqgħa mas-Sur Borg ta' Sterling Security sabiex jindirizzaw il-problema tal-kartun li jħallu warajhom il-bejjiegħa tal-monti. Kif ukoll issuġġerixxew li jerġa' jibda s-servizz tal-*green wardens* minħabba l-ħmieġ tal-klieb. Il-Kamra qablet ma' dawn il-proposti.

8. S.Cuschieri informat lill-Kamra li fil-bitħa tal-iskola li tmiss ma' Triq Żarenu Dalli ser isir *ground* tal-futbol bit-turf.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.00pm. Seduta oħra ser issir nhar, il-Ħamis, 14 ta' April 2011 fis-6.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **.............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

| ***Schedule of Payments 02/11*** | | | |
|---|---|---|---|
| ***Period 01/02/2011 till 28/02/2011*** | | | |
| **Cheque** | **To** | **For** | **Amount** |
| 8359-8364 | Salaries | Wages & Salaries January 2011 | €6,012.06 |
| 8366 | RVS Ltd | Refuse Collection January 2011 | €7,828.00 |
| 8356 | Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Laqgha ghas-Sindki | €292.50 |
| 8357 | Maltapost | Stamps | €95.00 |
| 8371 | ELC | Cleaning of Public Gardens January 2011 | €1,147.92 |
| 8372 | New Era Waste Services | Street Cleaning January 2011 | €1,939.58 |
| P/O 8373 | Ronald & Chris Bezzina | Cleaning of Public Convenience January 201 | €1,017.29 |
| P/O 8373 | Ronald & Chris Bezzina | Cleaning of Public Places January 2011 | €332.92 |
| P/O 8373 | Ronald & Chris Bezzina | Extra Work December 2010 | €10.00 |
| 8406 | Ronald & Chris Bezzina | Bulky Refuse October 2010 & January 2011 | €667.50 |
| 8374 | Tino 2000 | Office Supplies | €63.78 |
| 8375 | Duraprint | Stationery | €43.37 |
| 8395 | James Aloisio | Various Metal works | €1,584.00 |
| 8376 | Alfred Schembri & Sons Ltd | Supply of Kerbs | €37.76 |
| 8377 | Allied Newspapers | Advert | €86.14 |
| 8378 | Charlie Fenech | Tipper Truck January 2011 | €1,386.00 |
| 8379 | Golden Gate Co. Ltd | Stationery | €294.93 |
| 8380 | Anglu Cutajar | Handyman Services - Xmas 10 | €376.60 |
| 8381 | Housing Authority | Garage Rent | €698.84 |
| 8382 | I.V. Portelli & Sons Ltd | Hardware Supplies | €23.71 |
| 8383 | Tarcisio Caruana Ltd | Hardware Supplies | €9.99 |
| 8384 | Smart Office Supplies Ltd | Stationery | €117.15 |
| 8385 | JM Installations | Lighting Maintenance & Repairs | €5,422.39 |
| 8386 | J.Farrugia Ironmongery | Various Hardware Supplies | €472.72 |
| 8387 | Pauline Ellul | Office Cleaning January 2011 | €95.00 |
| 8388 | M.G. Pulis | Maintenance tools | €44.50 |
| 8389 | Carmen Debattista | Library Opening for the month of December 2010 | €81.62 |
| 8390 | Maria Fenech | Cleaning of Council Hall on | €17.00 |
| 8391 | Go plc | Telephone expenses December 2010 | €356.67 |
| 8392 | General Ecological Services Co. Ltd | Cleaning of water culvert | €302.82 |
| 8393 | Media Link Communications Co. Ltd | Advert | €41.06 |
| 8394 | Tony Minuti | Grass Cutting | €58.23 |
| 8396 | Swallow Ltd | Trips January 2011 | €111.80 |
| 8407 | Mita | E-mail accounts Oct - Dec 2010 | €24.90 |
| 8398 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses January 2011 | €56.50 |
| 8399 | Michael Magro | Reimbursed Expenses January 2011 | €56.50 |
| 8400 | Francis Briffa | Perspex | €20.00 |
| 8401 | Duraprint | Case for Certificate | €94.40 |
| 8402 | Union Print Ltd | Advert | €55.13 |
| 8403 | I.V. Portelli & Sons Ltd | Hardware Supplies | €111.43 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8404 | Segretarju Permanenti OPM (ITSD) | Advert | €50.00 |
| 8405 | M.G. Pulis | Maintenance tools | €10.00 |
| 8408-8411 | Salaries | Wages & Salaries February 2011 | €4,365.42 |
| 8412 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses February 2011 | €56.00 |
| 8413 | Michael Magro | Reimbursed Expenses February 2011 | €60.50 |
| 8414 | Michael Magro | Final Payment on Maintenance Works | €350.00 |
| 8415 | Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Performing Right Society Year 2011 fee | €18.00 |
| 8416 | Pauline Ellul | Office Cleaning February 2011 | €76.00 |
| 8417 | Water Services Corporation | Electricity bill dd 22/02/2011 | €169.16 |
| 8418 | Zurrieq Joint Committee | Local Warden Services for the month of Dec '10 | €4,830.24 |
| 8419 | Censina Zahra | Influenza Vaccinations | €35.00 |
| 8420 | Community Chest Fund | Fund Raising | €23.90 |
| 8421 | RVS Ltd | Refuse Collection February 2011 | €7,648.00 |
| | | **Total Paid** | **€49,179.93** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**